MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 921/2010

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Mamo Billi Jane**
**ID-150184(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf seba’ mija u sittin Ewro u sitt centezmi (€1,760.06c), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess intimata abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B).

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament efettiv, izda baqghet inadempjenti ghal tali hlas, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2455/10 u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ elf seba’ mija u sittin Ewro u sitt centezmi (€1,760.06c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------